MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta tat-3 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1171/2005

**Maltacom p.l.c. (C-22334)**
**vs**
**Millenium Marketing Ltd (C-25135)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Mejju, 2005, fejn intalab il-hlas ta' erba' mija u sitta u disghin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm496.43), ammont dovut lis-socjeta` attrici in konnessjoni mas-servizzi telefoniku bin-numru 21336481.**
**Illi s-socjeta` konvenuta nterpellata diversi drabi sabiex tghaddi ghall-hlas baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**
**Bl-imghax u bl-ispejjez.**

**Ra l-kapitolu prezentat mis-socjeta` attrici fit-12 ta' Jannar, 2006 ghas-subizzjoni tar-rapprezentant tas-socjeta` konvenuta. Ra li s-socjeta` konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta u lanqas ma deher rapprezentant taghha, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u sitta u disghin lira Maltija u tlieta u erbghin centezmu (Lm496.43) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mit-18 ta' Novembru, 2005, u bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------